MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Numru 365/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**CLAYTON CREMONA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Clayton Cremona, ta' 20 sena, iben Francis Xavier u Theresa nee' Attard, imwieled Pieta fis-26 t'Awissu 1985 u joqghod 171, Flat 3, Triq San Duminku, Valletta. Nru ta' l-Identita' 442185M gie akkuzat:

Talli fil-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Jannar 2004 f’Hal Qormi, ikkommetta serq ta’ mutur Yamaha 80 bin-numru tar-registrazzjoni FBJ 128, liema serq, li huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u l-valur li ma jeccedix l-elf lira (Lm1000), sar ghad-dannu ta’ Mario Baldacchino minn Hal-Qormi;

Aktar talli fid-9 ta’ Jannar 2004 u fil-gimghat ta’ wara, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe’ l-mutur imsemmi, misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali li jinsab a fol. 4 tal-Process u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Geoffrey Azzopardi u Dr Louis Bianchi ghall-imputat iddikjaraw li jezentaw lil din il-Qorti milli terga’ tisma’ x-xhieda diga’ mismugha u milli jergghu jigu esebiti d-dokumenti li diga’ gew prodotti u milli jigu ripetuti l-proceduri li diga’ saru minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Innutat ukoll fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni hija akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b), (c), (f) u (g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2) u 281(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Clayton Cremona, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Clayton Cremona ghall-piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Clayton Cremona jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward ghat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Clayton Cremona l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------